

Brussell, 21 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9342/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0120 (BUD)

FIN 688

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9178/26
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lir-Rumanija fir-rigward tal-għargħar fl-aħħar ta' Mejju 2025, lil Ċipru wara n-nirien fis-selvaġġ f'Lulju 2025 u lil Spanja wara n-nirien fis-selvaġġ f'Awwissu 2025 - <i>Approvazzjoni</i>

1. Fit-18 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE), akkumpanjata minn proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2026¹.

¹ Id-dokument 9179/26.

2. L-għan ta' din il-proposta huwa li timmobilizza l-FSUE għal ammont totali ta' EUR 144.10 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li minnhom rispettivament:
- EUR 14.34 miljun biex tingħata assistenza lir-Rumanija wara l-għargħar li seħħ fl-aħħar ta' Mejju u fil-bidu ta' Ġunju 2025;
 - EUR 9.21 miljun biex tingħata assistenza lil Ċipru wara n-nirien fis-selvaġġ li seħħew f'Lulju 2025, inkluż pagament antiċipat li diġà sar ta' EUR 2.32 miljun; u
 - EUR 120.55 miljun biex tingħata assistenza lil Spanja wara n-nirien fis-selvaġġ li seħħew f'Awwissu 2025, inkluż pagament antiċipat li diġà sar ta' EUR 30.14 miljun.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2026 u seta' japprovaha.
4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, kif jinsab fid-dokument 9343/26.
-